13

HAL BALZAN

L-EWWEL SENA Nru. 6 — LEHEN IL-KUMITAT ĊIVIKU — LULJU/AWWISSU 1972

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(6) IL-KNEJJES IŻ-ŻGĦAR TA' HAL BALZAN

Minn DUN ĠWANN DIMECH

Kif rajna fil-ħarġa li għaddiet, meta tkellimna dwar it-twaqqif tal-Parroċċa ta' Hal Balzan, ir-raħal tagħna kien jagħmel mal-Parroċċa ta' Birkirkara f'dik li kienet kura spiritwali. Tant hu hekk li,kif naqraw fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Balthassar Cagliares għamel nhar it-28 ta' Novembru 1615, insibu miktub li ta' kull nhar ta' Hadd u fil-festi, il-Viċi Parrokku ta' Birkirkara kien jiġi Hal Balzan u kien iqaddes alternattivament, darba fil-Knisja ta' l-Annunzjata u darba fil-Knisja ta' Santa Marija. (1)

Meta Hal Balzan sar Parroċċa nhar l-14 ta' Awwissu 1655, ġiet magħżula l-Knisja ta' l-Annunzjata biex isservi bħala Knisja Parrokkjali sakemm tinbena l-knisja l-ġdida.

IT-TABERNAKLU

L-ewwel Viżta Pastorali li saret, wara li din il-Knisja saret Parrokkjali, kienet dik ta' nhar it-12 ta' Diċembru 1658. F'din il-viżta jissemma t-Tabernaklu u jingħad li kien żgħir tal-injam. Minn barra kien miżbugħ u minn ġewwa kien miksi b'ħarir aħmar. F'dan it-Tabernaklu kien hemm żewġ pissidijiet tal-fidda. Xi snin wara nsibu li t-Tabernaklu ġie rranġat u li kien kollu indurat.

IL-FONTI TAL-MAGĦMUDIJA

F'dik l-istess Viżta Pastorali ta' l-Isqof Michael Joannes Balaguer Camarasa, insibu għall-ewwel darba msemmi l-Fonti tal-Magħmudija. Dan kien qiegħed in-naħa tax-xellug kif tidħol mill-bieb prinċipali. Intqal li dan il-Fonti kien "iuxta modernum usum" għaliex kien maqsum f'żewġ partijiet: naħa fejn jinżamm l-ilma tal-magħmudija u naħa fejn jaqa' l-ilma meta jintefa' fuq ras it-tarbija. Jingħad ukoll li dan il-fonti għadu mhux lest għal kollox għaliex kien għad jonqsu l-piramida ta' fuqu.

Dan il-Fonti kien tal-ġebel mimli bi skultura magħmula b'sengħa kbira. Kont titla' għalih b'żewġ targiet tal-ġebel u kien imżawwar b'għadd ta' balavostri tal-ġebel ukoll.

Mal-Fonti tal-Magħmudija jissemmew tliet reċipjenti eleganti ħafna tal-fidda li fihom hemm iż-żejt tal-Griżma tal-Isqof, iż-żejt tal-Griżma tal-Morda u ż-żejt tal-Katekumeni.

FRATELLANZI

L-ewwel żewġ Fratellanzi ta' Hal Balzan kienu: Il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament u dik tar-Rużarju Mqaddes. Il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament twaqqfet hekk — Dak inħar li l-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina żar lill-Knisja ta' l-Annunzjata, xi nies talbuh li jwaqqaf din il-Fratellanza. L-Isqof aċċetta li jwaqqafha u talab li l-Fratelli jibdew jakkumpanjaw lis-SSmu Sagrament meta jiġi meħud lill-morda, kif ukoll jakkumpanjaw lil-mejtin sal-qabar. L-ewwel Fratelli kienu: Pietru Borg, Lawrenz Galea, Lawrenz Borg, Pietru Zarb, Vincenzo Micallef u Ġużepp Borg. Dawn kienu jilbsu konfratija bajda u muzzetta ħamra. In-numru tal-Fratelli beda kull ma jmur biż-żmien dejjem joktor.

Dwar il-Fratellanza tal-Rużarju diġa' għedna xi ħaġa u l-ħsieb tagħna hu li aktar tard għad nitkellmu dwar il-Fratellanzi kollha.

L-OBBLIGI LI KELLHA L-KNISJA

Fil-Viżta Pastorali tal-4 ta' Diċembru 1601 insibu li din il-Knisja ġiet mogħtija lilha biċċa art u dar biex ikunu jistgħu jsiru l-Għasar ta' lejlet il-Festa ta' l-Annunzjata, jitqassam l-ikel lill-fqar, u ssir il-Quddiesa Kantata f'nhar il-Festa, u biex ikun jista' jinxtegħel il-lampier is-Sibtijiet u fil-Festi. Kienu responsabbli minn dan il-Prokuraturi Mikiel Zarb bin il-mejjet Xmun, u Brandanu Hagius.

Minn din il-Viżta sirna nafu wkoll li l-Kappillan ta' Birkirkara, Dun Filippu Borg J.U.D., kien jiġi jqaddes f'din il-Knisja nhar il-Festa biex ikompli d-drawwa li kellhom il-Kappillani ta' qablu. Biss, Dun Filippu ma għamilx dan biex ikompli d-drawwa biss, iżda peress li hu kien minn Hal Balzan. Barra milli dejjem wettaq dan id-dmir, ħalla wkoll biċċa art magħrufa "Ta Seudet" li qiegħda ħdejn ir-Raħal. Din l-art ħalliha biex ta' kull sena titqaddes quddiesa nhar il-Festa. (2)

Ġużeppi Chetcuti ħalla legat biex fil-ġimgħat tar-Randan issir f'din il-Knisja quddiesa baxxa. Dan hu magħruf mill-Atti tan-Nutar Ferdinandu Zarb tas-26 ta' April 1608. Damjan Borg, magħruf l-Ispanjol, ħalla legat biex jinxtegħel lampier fil-ġranet tas-soltu.

Dun Ġwann Borg ħalla, fit-testment li sar għand in-Nutar Gian Paola Ellul nhar it-13 ta' Frar 1637, biex titqaddes quddiesa f'din il-Knisja.

Din il-Knisja wara li bdiet tiffunzjona l-Knisja Parrokkjali l-ġdida.

Wara li l-Knisja l-ġdida ta' l-Annunzjata ġiet imbierka sollennement, nhar it-23 ta' Jannar 1695, il-Knisja ta' l-Annunzjata li minnha qed nitkellmu, bdiet tiġi ftit jew wisq ittraskurata. Bosta mill-artali u kwadri ġew trasferiti fil-ġdida u għalhekk l-interess naqas. Dan deher biċċar; tant hu hekk li nsibu dwar dan fil-Viżta li saret lil din il-Knisja nhar il-31 ta' Mejju 1787. U sbatax-il sena wara, nhar is-6 ta' Mejju 1804, Mons. Isqof Vincenzo Labini ddikjara lil din il-Knisja bħala pprofanata.

Iżda l-Balzanin, li dejjem kellhom għal qalbhom din il-Knisja ta' l-Annunzjata li kienet serviethom bħala l-ewwel parroċċa, riedu jirranġawha biex tkun tista' terġa' titbierek mill-ġdid. U għalhekk għamlu nefqa ta' 48 skudi u 8 tari f'materjal, għaliex ix-xogħol għamluh b'xejn, u rranġaw is-saqaf u kull ma kien hemm bżonn, u b'hekk insibu li fis-sena 1818 reġgħet ġiet imbierka. (3)

F'din il-Knisja baqgħet issir Quddiesa nhar il-25 ta' Marzu. Fis-sena 1950 din il-Knisja damet xahrejn sħaħ tintuża kuljum, billi fil-Knisja Parrokkjali kien qed jiġi mqiegħed il-paviment ta' l-irħam. Għal żmien twil ukoll kienet tintuża bħala post għat-tagħlim tad-duttrina mis-Soċjeta' tal-Museum, fergħa tal-bniet. Illum, din il-Knisja qadima ta' l-Annunzjata qiegħda tintuża mill-istess Soċjeta' għall-konferenzi li jsiru kull nhar ta' Hadd għall-kbar.

IL-KNISJA TA' SAN ANARD


FEJN QIEGĦDA DIN IL-KNISJA

Il-Knisja ta' San Leonard, jew aħjar kif inhi magħrufa il-Knisja ta' San Anard, hija waħda mill-grupp tat-Tliet Knejjes mibnijin ħdejn xulxin kif għedna darb'oħra. Dawn il-Knejjes qegħdin fit-triq li ġiet imsemmija għalihom: Triq it-Tliet Knejjes. Dan il-grupp tat-Tliet Knejjes jikkonsisti fil-Knisja ta' l-Annunzjata, li hi fin-nofs; il-Knisja ta' Santu Rokku li hi fuq il-lemin ta' min iħares lejn il-Knisja ta' l-Annunzjata; u l-Knisja ta' San Anard li hi fuq ix-xellug ta' min iħares lejn il-Knisja ta' l-Annunzjata.

Illum ma tantx tintebaħ bil-Knisja ta' San Anard, għaliex il-faċċata ta' din il-Knisja ġiet alterata u saret faċċata ta' dar. Iżda min jeżamina bir-reqqa l-faċċata ta' din id-dar, faċilment josserva li għadha tidher l-arkata tal-bieb li kellha din il-knisja, għad li llum din ġiet imbarrata bil-ġebel. Dan juri li għad li fil-faċċata saru alterazzjonijiet, bħal ma huma l-bieb ta' barra, it-tieqa li hemm u ċ-ċinta tal-bejt bil-balavostri, il-ġebel tal-faċċata oriġinali tal-Knisja għadu hemm, allavolja nbniet ma' l-erba' mitt sena ilu.

X'BAQA' LLUM MINN DIN IL-KNISJA

Għad li din il-Knisja llum saret dar, kif ġa għedna, il-kostruzzjoni ta' din il-Knisja għadha hemm kollha kemm hi: mhux biss il-faċċata għadha oriġinali, iżda ġewwa nsibu l-ħnejjiet tal-Knisja li ma humiex minsusin, allavolja taħthom hemm mibni l-ħajt ta' l-entrata u tal-kamra laterali. Il-ħitan tal-ġnub tal-Knisja għadhom kif kienu, safrattant għadu jidher il-bieb li jgħaqqad minn ġewwa din il-Knisja mal-Knisja ta' l-Annunzjata.



Il-Knisja ta' San Anard, li llum hija dar privata. Għad jiġi żmien li narawha rrestawrata?

X'NAFU DWAR DIN IL-KNISJA

Din il-Knisja nbniet bejn is-sena 1575 u l-1601. Dan nafuh għaliex din il-Knisja ma kinetx mibnija meta l-Viżitatur Apostoliku, Mons. Pietru Duzina, għamel il-Viżta Pastorali lil Hal Balzan, nhar l-1 ta' Frar 1575; tant hu hekk li ma nsibuhiex imsemmija mal-Knejjes li ra. (4) Iżda nsibuha msemmija fil-Viżta li għamel Mons. Isqof Tumas Gargallo, fejn igħidilna li hu stess mar jara lil din il-Knisja nhar l-4 ta' Diċembru tal-1601. (5) Fir-relazzjoni ta' din il-Viżta nsibu li din il-Knisja ġiet mibnija fiċ-Ċimiterju tal-Knisja ta' l-Annunzjata, li għandha artal wieħed tal-ġebel, u li fuq dan l-artal hemm ix-xbieha ta' San Leonard Konfessur.

Insibu li din il-Knisja ma kien jonqosha xejn għajr xi gandlieri għaliex kellha kull ma hu meħtieġ. Insibu wkoll li ma kien hemm l-ebda obligi u l-anqas renti, għad li Leonardu Hagius minn Hal Balzan stess bena din il-Knisja u mill-flus li jiġbor u mid-devozzjoni tiegħu jieħu ħsieb din il-Knisja, jixgħel il-lampier fil-ħdud u fil-festi, u li fil-festa ta' dan il-Qaddis, li taħbat nhar is-6 ta' Novembru, jieħu ħsieb li ssir Quddiesa f'ġieħ dan il-Qaddis. (6)

Deskrizzjoni ta' din il-Knisja nsibuha fil-Viżta li għamel Mons. Michael Joannes Balaguer Camarasa lil din il-Knisja nhar it-2 ta' Mejju 1637. Insibu li l-bieb ta' din il-Knisja jħares lejn il-punent

(jissokta f'paġna 2)

LEA'S HOUSEHOLD
ALL KINDS OF
HOUSEHOLD GOODS, GIFTS,
& LAMPS
18, ANGLU MALLIA JUNCTION, B'KARA
WE BOOK PHOTOS FOR WEDDINGS, ENGAGEMENTS AND PARTIES

EDITORJAL

WARA L-FESTA TITULARI

Reġgħet għaddiet festa oħra! It-tieni waħda minn meta bdejna nippubblikaw din il-gazzetta.

Bħal kull festa oħra, reġa' sar it-tiżjin fit-toroq u fil-knisja, u mat-tiżjin insibu t-tibdil. Għax maż-żminijiet jinbidlu n-nies u mat-tibdil tan-nies jinbidlu l-idejat. Jerġa' wkoll li ċ-ċirkostanzi ma jħallukx tagħmel dak li kont tagħmel qabel, u allura jkollok tara kif tagħmel biex tirranġa mill-aħjar li tista'.

Qegħdin nirreferu għall-istatwa tant majestuża ta' Ġuditta. Għal żmien twil din l-istatwa kienet tintrama' fin-nofs preċiż tal-pjazza, iżda din is-sena minħabba t-traffiku kellha titqiegħed fuq il-bankina, daharha lejn il-knisja u wiċċha jħares lejn il-każin ta' Marija Annunzjata.

Tibdil ieħor li ġara minħabba ċ-ċirkostanzi kien fil-ħruq tan-nar. In-nar, jiġifieri murtali tal-bomba u tal-kulur, sar ftit 'il bogħod mill-knisja; imma x'jistgħu jagħmlu d-dilettanti Balzanin jekk il-liġi hija hekk? In-nar kien sabiħ u meqjus, pero' jista' sena oħra jiżdied kemmxejn fil-kwantita'. Nisperaw li din is-sena l-Balzanin jikkontribwixxu bħal ma kienu jagħmlu qabel.

Bit-tħabrik tal-maħbub Kappillan tagħna f'din il-festa rajna jżuru l-knisja lin-Nunzju Appostoliku, Mons. Edoardo Pecoraio, u lill-Gvernatur Ġenerali, Sir Anthony Mamo. Il-Każin tal-Banda San Gabirjel ħa din l-opportunita' u stedinhom iżuru l-każin. Kienet dehra li tgħaxxqek tara lin-Nunzju u lill-Gvernatur jitkellmu man-nies li kien hemm fil-każin. L-impressjoni tagħhom, qegħdin fuq it-taraġ tal-każin waqt li l-banda daqqet l-Innu Nazzjonali, żgur li tibqa' fl-imħuħ ta' dawk li kienu preżenti, l-aktar tat-tfal li għada pitgħada għad itennu dil-ġrajja.

Għax bħalma ta' qabilna ħadmu għalina, hekk aħna wkoll qed naħdmu għal ta' warajna. Dak li għamlu ta' qabilna ħafna minnu ntilef għax qatt ma ġie miktub, iżda aħna għandna xorti oħra; aħna qegħdin niktbu ġrajjietna biex ma jintilfux maż-żmien. Jekk ma jiġrix dan, wieħed mill-iskopijiet ewlenin tal-gazzetta ma jkunx ġie milħuq.

IL-ĦXUNA

mit-Tabib

It-tabib jiltaqa' ma' din il-kundizzjoni ta' spiss ħafna u, minkejja t-twissija li jagħti ta' sikwit fuq il-perikli tal-ħxuna, ħafna min-nies donnhom ma jagħtu każ xejn tagħha, meta ma jaslux ukoll biex igħidu li l-ħxuna hija kollha grazzja t'Alla.

Il-piż tal-bniedem jitbiddel skond l-eta'. Ħafna min-nies jeħxienu xi ftit meta jkunu bejn il-ħamsa w għoxrin u l-erbgħin sena. Bejn l-erbgħin u s-sittin sena, il-bniedem għandu t-tendenza li jkompli jitqawwa, imma wara s-sittin sena l-piż jibda jinżel bil-mod. Ġeneralment, in-nisa jbatu bil-ħxuna iktar mill-irġiel. In-nies il-fqar għandhom it-tendenza li jeħxienu iktar min-nies li għandhom xi sold. In-nies ħoxnin ġeneralment ikunu nies li ma jħobbux jagħmlu xi għamla ta' eżerċizzju. Fid-dinja moderna tal-lum, il-karozza, il-magni fl-industrija, eċċ., igħinu biex il-bniedem jaqta' bil-mod il-mod l-eżerċizzju. Id-dwejjaq ġieli jġegħlu lil dak li jkun jiekol iktar mis-soltu.

Il-ħxuna tista' tiġi kkawżata wkoll mit-tqala jew minħabba mard ta' xi glandoli. Kif kulħadd jaf, il-ħxuna timxi fil-familja, u allura ta' sikwit wieħed isib mhux biss il-ġenituri li huma ħoxnin imma wkoll it-tfal eċċ. Ta' min idaħħal f'moħħu, iżda, li wieħed jeħxien għaliex jiekol iktar milli jeħtieġlu ġismu.

Il-ħxuna ġġib magħha ħafna kumplikazzjonijiet. Il-ħoxnin ġeneralment ibatu bl-uġigħ fil-ġogi, speċjalment ta' l-irkobba, l-ispina, u tal-ġenbejn ('hips'). Il-ħoxnin ta' sikwit ibatu bil-vini varikużi f'sieqhom. Il-ħoxnin huma predisposti għall-ftuq (speċjalment dak taż-żaqq). Il-ħxuna madwar is-sider ġieli tfixkel in-nifs ta' dak li jkun u allura jibda jbati minn ħafna attakki ta' bronkite. Il-ħoxnin jimirdu bil-marrara iktar minn dawk ta' piż normali. Il-gotta, kif ukoll l-arterjo-sclerosi, l-iktar li wieħed isibhom fil-ħoxnin.

Il-pressjoni wieħed isibha l-iktar fil-ħoxnin. Il-ħoxnin għandhom iktar riskju li jimirdu minn mard tal-qalb (anġina, attakk tal-qalb, eċċ.) milli għandhom dawk ta' piż normali. Il-ħoxnin huma predisposti għall-infezzjonijiet tal-ġilda u iktar għandhom ċans li jkorru fuq ix-xogħol, fit-triq, eċċ. Nies ta' madwar ħamsin sena li huma ħoxnin għandhom ċans sabiħ li jimirdu biz-zokkor. Il-ħoxnin 'in ġenerali' jmutu qabel dawk ta' piż normali.

Kull min għandu piż li jisboq b'10% il-piż normali għal bniedem ta' l-eta' u s-sess tiegħu, ġeneralment ikollu bżonn ta' kura. Il-kura tikkonsisti l-iktar f'dieta u f'eżerċizzju regolari. Kull persuna li trid tirqaq għandha tagħmel dieta speċjali għaliha għax mhux kulħadd iħobb jiekol l-istess affarijiet. Min hu oħxon aħjar li joqgħod nieqes miz-zokkor, ħelu, ċikkulata, 'jam', għasel, kejkijiet, patata, għaġin, torti, kremi w ġelati, pudini, frott, sopop tal-pakkett, birra, spirti, u qali. Nies li huma ħoxna ħafna l-aħjar li jagħmlu dieta bl-użin.

Hemm diversi pilloli li jgħinu biex il-piż ta' dak li jkun jonqos xi ftit. Biss, qabel ma wieħed jibda jieħu dawn il-pilloli aħjar jieħu parir ta' tabib. Id-dieta ma tiswa xejn jekk wieħed ma jagħmilx ukoll eżerċizzju li jgħinu jitlef mill-piż.

Ħafna jgħidu li jridu jirqaqu u bosta jaħsbu li dan jista' jsir bla ma jagħmlu xi sagrifiċċji żgħar. Dawn in-nies qatt ma jaslu biex jirqaqu.

NOTA: Niġbdu l-attenzjoni tal-qarrejja li fil-ħarġa Nru. 5 ta' Mejju/Ġunju 1972, fl-artiklu "Il-Qalb" miktub mit-Tabib, ir-raba' sentenza tat-tieni paragrafu — is-sentenza li tibda 'Il-qalb tirċievi...' u tispiċċa '... li jikkomunikaw magħha.' — trid tinqara hekk: Il-qalb tirċievi d-demm mill-vini kollha tal-ġisem u permezz ta' l-arterji li jikkomunikaw magħha terġa' tixħet id-demm lura lejn il-partijiet diversi tal-ġisem.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN

(jaqbad minn paġna 1)

u li fin-nofs hemm tieqa. Id-daqs ta' din il-Knisja huwa ta' tliet ħnejjiet. Għandha artal b'tarġa waħda tal-ġebel u l-art hija kollha miksija biċ-ċangaturi. Insibu li quddiem dan l-artal hemm vent' artal tal-lama tad-deheb u lampier. (7)

IL-KWADRU TA' SAN ANARD

Fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Mons. Balthassar Cagliares għamel lil din il-Knisja, nhar it-28 ta' Novembru 1615, osserva li l-Kwadru kien antik u qadim. Il-Kappillan ta' Birkirkara ta' dak iż-żmien, Dun Filippu Borg, qal lill-Isqof li dak il-kwadru kien ser jinbidel. (8)

Fil-fatt dak il-kwadru l-qadim kien inbidel, kif igħidilna tajjeb il-Vigarju Kapitulari Pietro Pontremoli fil-Viżta tiegħu tat-8 ta' Ottubru 1634. Insibu f'dan il-kwadru ġdid ix-xbiħat tal-Madonna, ta' San Pawl Appostlu, u ta' San Anard. Insibu wkoll li dan il-kwadru għandu gwarniċ ippitturat u li sar minn offerti tan-nies. (9)

Dan li għedna hu kkonfermat fil-Viżta li għamel l-Isqof Balaguer lil din il-Knisja nhar it-2 ta' Mejju 1637, fejn, mad-deskrizzjoni tal-Kwadru, iżid igħid li fuq il-Kwadru hemm kitba li tgħid: "VB dan il-kwadru ġie magħmul fi żmien meta Leonardu Hagius kien prokuratur fis-sena 1632". (10)

Mill-Viżta tas-6 ta' Marzu 1646 sirna nafu kif qegħdin ix-xbiħat; jiġifieri, il-Madonna fin-nofs, San Pawl Appostlu fuq il-lemin, u San Anard fuq ix-xellug. (11)

IL-FESTA TA' SAN ANARD

Il-Festa ta' San Anard kienet issir nhar is-6 ta' Novembru. Lejlet il-festa kienu jsiru l-Primi Vespri u wara jitqassam l-ikel u l-ħelu lill-foqra tal-post. Iżda nsibu li fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Balaguer, tas-26 ta' Ġunju 1662 ġie pprojbit li jitqassam dal-l-ikel, iżda minn floku jitqassmu għotjiet ta' karita' u li jżżejjed imur biex jinxtegħel il-lampier tas-Sagrament tal-Knisja Parrokkjali. (12)

Nhar il-Festa kienet issir Quddiesa kantata. Fil-bidu ma kienx hemm renti u għalhekk dawn kienu jsiru minn offerti li kienu jagħmlu n-nies; iżda nsibu fil-Viżta ta' Mons. Balaguer, tas-6 ta' Marzu 1646, li Demetriju u Portia Debono Zarb, Lorenzo Borg u martu Katerina ħallew is-somma ta' tmint ewieq u wieħed u għoxrin tari fl-Atti tan-Nutar Mario Attard biex jistgħu jsiru l-Primi Vespri, il-Quddiesa Kantata tal-Festa ta' San Anard, u biex jinxtegħel il-lampier is-sibtijiet u fil-ġranet tas-soltu. (13)

IL-KNISJA TIĠI PPROFANATA

Insibu li sas-sena 1787 il-Knisja ta' San Anard kienet miżmuma tajjeb ħafna. Iżda mis-sena 1789 bdiet tiġi xi ftit ittraskurata. Fis-sena 1791 jidher li kienet ġiet irranġata; tant hu hekk li l-Isqof Mons. Vincenzo Labini, nhar it-12 ta' Diċembru 1791, qabel ma mar fid-dar tal-Vigarju Kurat Dun Feliċ Calleja, mar jara din il-Knisja u sab li din il-Knisja kienet miżmuma tajjeb u nadifa. (14)

Ma tantx għadda żmien wisq li mid-dehra din il-Knisja ma reġgħetx ġiet ittraskurata, tant hu hekk li l-istess Isqof Mons. Vinċenzo Labini, fil-Viżta tiegħu lil din il-Knisja nhar is-6 ta' Mejju 1804, iddikjaraha, flimkien mal-Knisja ta' l-Annunzjata, bħala profanata. (15)

Illum din il-Knisja qiegħda sservi bħala dar. Għad jasal żmien meta din il-Knisja terġa' tiġi rrestawrata fl-istat oriġinali tagħha?

REFERENZI:

1 Cagliares B.: Visit. Past. fol. 87 — Ark. Arċiv.
2 Gargallo Th.: Visit. Past. fol. 223 — Ark. Arċiv.
3 Liber Conti — Arkivju Parrokkjali.
4 Duzina P.: Visitatio Apostolica — Arkiv. Arċiv.
5 Gargallo T.: Visitatio Pastoralis fol. 223. —Ark Arciv.
6 M.S. Ibid. Cit.
7 Balaguer M.J.: Visitatio Past. fol. 247 — Ark. Arċiv.
8 Cagliares B.: Visitatio Pastoralis fol. 87 — Ark. Arċiv.
9 Pontremoli P.: Visitatio fol 145 — Ark. Arċiv.
10 Balaguer M.J.: Ms. Cit.
11 Balaguer M.J.: Visit, Past. fol: 207—Ark Arċiv.
12 Balaguer M.J.: Visit. Past. fol 224 — Ark Arċiv.
13 Balaguer M.J.: Visit. Past. fol 207 — Ark. Arċiv.
14 Labini V.: Visit. Past. fol 120 — Ark. Arċiv.
15 Labini V.: Visit. Past. fol 115 — Ark. Arċiv.

MAL-MEDDA TAŻ-ŻMIEN

minn ANTON

Bħal ma jaf kulħadd, ħafna Balzanin imsifrin din is-sena ħasbuha li jiġu jżuru raħal twelidhom, ir-raħal fejn qattgħu l-ewwel jiem sbieħ tal-ħajja tagħhom. Tkellimt ma' xi wħud minnhom; kollha qablu li ġmiel Ħal Balzan baqa' bla mittiefes. Laqtuhom xi bidliet, l-aktar ħdejn il-Knisja u n-naħa ta' San Anton; iżda bidliet bħal dawn, l-aktar fl-inħawi tal-Knisja, ilhom sejra minn awl id-dinja.

Issa li għaddiet il-Lunzjata, il-Balzanin jaħsbu sabiex jiċċelebraw il-Festa ta' San Valentinu. Dari, il-Festa ta' San Valentinu kienet tħabbatha ma' tal-Lunzjata. Ma kienx ikun hemm dak it-taqtigħ ta' qalb rigward it-temp. Ma ninsewx li l-Lunzjata kienet tiġi ħafna qabel milli tiġi issa.

Mikiel is-Sagristan kien il-prokuratur, u niftakar kien iġiegħel 'in-nies sa minn xhur qabel irabbu xi flieles, sabiex meta jikbru, dawn jinbiegħu u flushom imorru għall-Festa ta' San Valentinu. Għal San Valentinu, Mikiel, Alla jaħfirlu, kien jagħmel wiċċu u flus kien jiġbor qatigħ.

L-istatwa ta' San Valentinu qatt ma rnexxielha toħroġ purċissjoni. Ġużepp, wieħed avanzat li jiffrekwenta l-Każin ta' Fuq u li jsegwi tajjeb x'jingħad fil-gazzetta tagħna, kien qed igħidli kif fiċ-Ċentinarju talbu lill-Kappillan sabiex it-Tridu jsir bil-mużika gwappa bħal tal-Lunzjata u sabiex jinqala' permess li l-istatwa toħroġ mar-raħal; iżda minħabba xi biża' ta' piki u partiti, dan ma sehħx.

L-aktar ħaġa li l-Balzanin kienu jagħmlu għaliha kien il-logħob tan-nar, nhar il-Festa ta' San Valentinu. Niftakar, kienu jagħmlu vapuri kbar u anke ajruplani biex dawna jimxu fuq il-'wire' waqt li jkunu ħuġġieġa, mill-kantuniera tal-Każin ta' Fuq sa fejn kien joqgħod Mikiel is-Sagristan. Mhux l-ewwel darba li dawna stagħnaw u n-nies kienu jibqgħu b'xiber imnieħer.

Sieħeb Mikiel is-Sagristan, Mikiel il-Boqboq, kien għal żmien Prokuratur tal-Fratellanza tas-Sagrament. Dan Mikiel, wieħed mill-aqwa ħaddiema tas-sengħa li kellu Delia ta' l-għamara, irranġa l-konfessinarju fejn iqarar il-Kappillan taħt il-pulptu u anke hu, flimkien ma' Mikiel is-Sagristan, ivvintaw sabiex it-tużell (wieħed mill-aqwa ta' Malta) jintrama' mingħajr ma jkollu bżonn ta' ħbula fil-ġenb sabiex iżommuh dritt.

Is-Sinjorina Martha ta' Sant jiftakruha ħafna. Sinjura daqsxejn twila u qawwija. Dejjem liebsa l-kappell, iġġiblek sudizzjoni; l-għors tagħha toħroġlok siġġu fil-parapett kbir tagħhom, fejn illum hemm il-Misraħ, eżatt fejn bħal daż-żmien hemm il-bankijiet u t-'Telephone kiosk'. Din kienet toqgħod fejn dari kienet triq dejqa ħafna maġenb il-Knisja, f'dik id-Dar li tinsab kantuniera ta' Triq id-Dritta ma' Triq Idmejda. Din is-sinjorina kienet tieħu ħsieb il-'Volto Santo', il-Wiċċ Imqaddes ta' Kristu li kien hemm fid-daħla ta' l-artal ta' San Ġużepp. Bil-flus li kienet tiġbor din is-sinjorina, kien jinxtara żejt u xemgħa sabiex

(jissokta f'paġna 4)

ARS VITREA

Prop. JOSEPH LICARI

MANUFACTURERS OF MIRRORS
ENGRAVERS AND SAND BLASTERS
ON GLASS
BEVELLERS AND POLISHERS OF GLASS
245, FLEUR DE LYS RD., BIRKIRKARA

Telephone: 40323 Cables: Jolica-Malta

Ad Multos Annos

NHAR IT-3 TA' AWWISSU TA' DIN IS-SENA JAHBAT GHELUQ IL-HAMSA W HOXRIN SENA MILL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TAL-WISQ REV. KAN. ARMELO SCIBERRAS, KAPPILLAN TAL-PARROĊĊA U PRESIDENT TAL-UMITAT ĊIVIKU TA' HAL BALZAN. FILWAQT LI NIFIRHU MINN QIEGH ALBNA LILL-KAP SPIRITWALI TAL-PARROĊĊA U NIXTIQULU, FLIMKIEN AL-BALZANIN KOLLHA, KULL ĠID U HENA SPIRITWALI U TEMPORALI, ASSEJNA LI ĠRAJJA BHAL DIN GHANDHA TIBQA' MFAKKRA F'DIN IL-AZZETTA TAGHNA. U GHALHEKK GHAMILNA LILL-KAPPILLAN FTIT MIS-OQSIJIET LI GHOĠBU JWIEĠEB GHALIHOM BIL-PJAĊIR KOLLU.

Ir-Rev. Kan. Carmelo Sciberras twieled Birkirkara fid-9 Mejju 1920 minn Mikiel u Karmena imwielda Grech. Ħa dukazzjoni primarja tiegħu mill-Iskola tal-Gvern ta' rkirkara, u fl-1931 daħal il-Liċeo. Aktar tard huwa daħal la impjegat mal-Gvern u wara kważi sentejn daħal is-minarju, fl-1940, biex għamel il-Letterarura, Filosofija, u joloġija. Huwa ġie ordnat qassis mill-Arċisqof M. Gonzi 3 ta' Awwissu 1947. Għal sebà' snin għallem fis-Seminarju l-Arċisqof sakemm, fl-1 ta' Novembru 1954, l-istess Mons. nzi taħ in-nomina ta' Kappillan ta' Ħal Balzan. Huwa ħa ussess fit-12 ta' Diċembru 1954.

Kappillan, il-vokazzjoni saċerdotali minn dejjem ħassejtha li kienet is-sejħa tiegħek?

Nista' ngħid "iva" min-għajr tlaqliq. Jiena dħalt bbati meta kelli tmien snin u minn dejjem kont inħobb ħafna s-servizz tal-Knisja u ajt ruħi mill-aħjar li stajt biex ngħin skond il-possibi-ltajiet tiegħi lis-superjuri tiegħi f'kulma kienu jitol-buni.

Li kellek issemmi xi wħud li kienu ta' għajnu-na għalik fil-għażla tal-vokazzjoni tiegħek, hemm xi ħadd speċjali li tista' ssemmih?

L-ewwelnett nixtieq insem-mi b'sodisfazzjon lil Dun Mikiel Callus, S.S.P., li kien għal ħafna snin Superjur s-Soċjeta' ta' San Pawl u li iet ftit xhur ilu. Nista' għid li fis-snin li għaddejt l-Oratorju ta' Birkirkara, ejn hu kien Direttur, kien u li tefa' f'qalbi l-ewwel rriegħa tas-sejħa għas-saċerdozju bl-eżempji qad-isa tiegħu u bil-kelma elanti li kellu. Imbagħad warajh kien hemm Dun Ġużepp Micallef, id-Dekan al-Kolleġġjata ta' Birkirka-a, u li kien konfessur tiegħi għal ħafna snin, li nħoss li ien tassew strument f'idejn lla biex jurini li s-saċer-dozju kien tassew it-triq li ħażilli l-Mulej. Fl-aħħar in li għamilt qabel ma ħalt 'intern' fis-Seminarju, bt ta' għajnuna kbira lil Dun Wistin Grech, S.S.P., li ien Assistent Ekkleżjastiku ċ-Ċirkolu tal-ġuvintur ta' irkirkara, u darba minn-hom, li ma kinitx il-kelma rsważiva tiegħu u l-mod ċiżiv li bih żgurani mill-okazzjoni tiegħi, nibża' li nt nitlef kollox meta rajt daqqa waħda tlieta minn abi s-Seminaristi ta' Bir-kara jħallu s-Seminarju ħsibt li anke jien kont ser għmel bħalhom.


Tul dawn il-25 sena li ek tqaddes, kellek xi konsolazzjoni speċjali fil-ħidma tiegħek pastorali?

Iva, kelli ħafna konsolaz-zjonijiet għaliex kull saċer-dot li jiddedika ruħu għall-ajja pastorali ma jistax ma kollux il-konsolazzjonijiet tiegħu, flimkien ma' xi diż-appunt ta' kultant. Malli ejt ordnat saċerdot fl-1947, ejt mogħti l-inkarigu li ieħu ħsieb l-Aspiranti taċ-Ċirkolu San Pietru (Azz. Katt. Ġuvintur, B'Kara), u ista' ngħid li hawnhekk elli ħafna konsolazzjonijiet, ejn għaliex li taħdem mat-tfal hija waħda mill-aħjar attivitajiet, kif ukoll għaliex fil-każ li qiegħed insemmi kien hemm Delegat Aspi-ranti mill-aktar ħabrieka u b'sens kbir ta' organizzaz-zjoni, u għalhekk ma setax jonqos li t-tfal jikkoperaw fl-interess tagħna t-tnejn għall-ġid tagħhom.

Imbagħad sena wara, meta l-Assistent Ekkleżjastiku ntbagħat jaħdem barra minn Malta, jiena ġejt afdat bil-kariga ta' Assistent Ekkleżjas-tiku ta' l-istess Ċirkolu. Ix-xogħol hawn kiber ħafna, għaliex iċ-Ċirkolu bejn ġuvin-tur u tfal kellu madwar 160 membru. Kultant anke xi ftit inkwiet kien ikolli wkoll, imma l-ambjent ta' Malta dak iż-żmien kien ferm differenti minn dak ta' llum, u għalhekk il-konsolazzjonijiet ma set-għux jonqsu.

Okkażjoni oħra sabiħa ta' ħidma pastorali kienet meta fl-1954, waqt li kont Viċi-Ass-istent Ekkleżjastiku Djoċesan tal-Fergħa tal-Ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika, ħdimt ma' żewġ qassisin oħra, Dun Ġu-żepp Borg Micallef u Dun (illum Kan.) Jimmy Brincat, biex ġibna mill-Italja u daw-warna mal-Parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex it-torċa tixgħel dejjem ta' Lourdes. Hemmhekk stajt nara l-fidi u l-imħabba tal-Maltin għall-Madonna, għaliex f'kull Par-roċċa n-numru ta' nies li ħa sehem fil-funzjoni qasira li organizzajna, bil-kooperazzjo-ni tal-Kappillani kollha, kien tassew ta' min jammirah.

Imma meta, għall-aħħar tal-1954, Mons. Arċisqof għa-milni Kappillan tal-Parroċċa tagħna, il-ħidma pastorali u l-ħeġġa li naħdem bħala mis-sier spiritwali sabu ċ-ċentru tagħhom. Għaliex bħala Kap-pillan stajt niddedika ruħi esklusivament għall-ħidma pastorali. Qabel ma sirt Kap-pillan, għal disa' xhur mis-sena, kont medhi fit-tagħlim is-Seminarju u, avvolja dan għalija kien b'xi mod ukoll xogħol pastorali, iżda qatt ma seta' jkolli l-impenn sħiħ fil-ħidma tal-kura ta' l-erwieħ bħalma jagħtik l-okkażjoni xogħol f'Parroċċa. Issa stajt niddedika ruħi aktar, anzi es-klusivament, għall-ħidma pas-torali, u ma hemmx għalfejn ngħid kemm fiha konsolazzjo-nijiet ħidma bħal din. Ma rridx nagħti l-impressjoni li l-ħidma tal-Kappillan hija 'ward u żahar', l-aktar fiż-żmien li ili Kappillan jien, imma jibqa' l-fatt li hija ħid-ma sabiħa b'ħafna sodisfaz-zjonijiet spiritwali tassew sbieħ. Insemmi biss il-festa ta' l-Ewwel Tqarbina tat-tfal, il-quddiesa għall-morda li nagħmlu lejlet il-festa titu-lari, il-korteo ta' l-aħħar jum ta' Mejju ta' kull sena u s-"sajdiet" li saru ħafna drabi fis-sajf mis-Soċjeta' tal-M.U.S.E.U.M. fuq iż-zuntier tal-Knisja, il-vokazzjonijiet li joħorġu mill-Parroċċa, u ... il-qrar, dak il-kuntatt intimu ma' l-erwieħ.



Il-wisq Rev. Kan. Carmelo Sciberras, Kappillan ta' Hal Balzan

M. Kappillan, illum li għad-dew minn fuqek 25 sena ta' missjoni saċerdotali, għadek tħares lejn is-sa-ċerdozju bl-istess mod li kont tħares lejh 25 sena ilu?

T. Iva. Kieku kelli nerġa' nit-wieled mill-ġdid, kont nerġa' nagħżel li nsir qassis.

M. Kappillan, il-parti l-kbi-ra minn dawn il-25 sena tiegħek bħala saċerdot qattajtha bħala kap spirit-wali tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan. X'kienet ir-rejaz-zjoni tiegħek meta l-Arċ-isqof ħatrek Kappillan ta' dil-Parroċċa?

T. L-ewwel rejazzjoni tiegħi meta l-Arċisqof qalli li jix-tieqni nsir Kappillan kienet ħasda kbira, għaliex sinċe-rament qatt ma kien għad-dieli minn rasi li jiena kelli nkun Kappillan, u dan lill-Arċisqof urejtulu ċar; imma meta hu nsista u wrieni li kellu fiduċja fija, deherli li ma kellix ninsisti, imma biss li nitlob biex tingħamel ir-rieda tal-Mulej. Meta, im-bagħad, wara li għamilt l-eżami, hu ħabbarli li kien ser jibgħatni Ħal Balzan, jiena għidtlu biss "grazzi, u berikni".

M. Tul il-karriera tiegħek f'dil-Parroċċa, kellek xi avvenimenti li tibqa' tifta-karhom iktar minn oħrajn?

T. Dażgur li kelli, u mhux pos-sibbli li nsemmihom kollha. Per eżempju, nista' nsemmi l-pussess tiegħi li, għal-kemm kien imdallam minn sħaba sewda li kulħadd jaf x'inhi, urieni tabilħaqq ir-rispett tal-maġġoranza kbi-ra tal-poplu, anke ta' dawk li għal raġuni jew oħra ma ġewx jifirħuli d-dar, imma li wrewni l-għożża tagħhom malli kellhom l-okkażjoni li jiltaqgħu miegħi.

- L-ewwel festa ta' Marija Annunzjata li għamilt fis-sena 1955, u li ħabtet it-tielet ċentinarju mit-twaq-qif tal-Parroċċa, nista' ngħid li kienet ġrajja oħra li ma ninsiha qatt. Saru tmint ijiem sħaħ ta' festi li fihom ħadu sehem iż-żewġ Isqfijiet li kellna Malta dak iż-żmien, kif ukoll il-Kapitolu ta' Birkirkara, u li kienu rnexxew tassew.
- Kien hemm ukoll iċ-ċenti-narju fl-1956 tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu', u anke hawn-hekk saru ċelebrazzjonijiet tassew sbieħ, bħal per eżem-pju l-Akkademja mużiko--letterarja li għamilna fil-Knisja, u l-'pageant' fuq id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesu' li sar fil-Villa Maċe-donia. F'din l-okkażjoni, kif ukoll fl-okkażjoni li semmejt qabel tat-tielet ċentinarju tat-twaqqif tal-Parroċċa, ħadna ħsieb nikkonsagraw lill-familji lill-Qlub ta' Ġesu' u Marija, kif għamil-na wkoll dan l-aħħar meta kellna ż-żjara ta' l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima.
- Naħseb li ma hemmx għal-fejn ngħid li wieħed mill-avvenimenti li l-aktar li nibqa' niftakar għal għomri kollu huwa l-ftuħ tas-Sala Parrokkjali fl-1962, biċċa xogħol li swietli sagrifiċċji mhux żgħar, għaliex mhix ħaġa ħafifa li minn Parroċ-ċa ċkejkna bħal tagħna toħ-roġ is-somma ta' tnax-il elf lira. Imma bil-għajnuna ta' Alla u bil-kooperazzjoni ta' xi wħud mill-parruċċani, li għenuni fl-organizzazzjoni tal-ħidmiet li organizzajt għall-ġbir tal-flus, kif ukoll tal-poplu kważi kollu ta' Ħal Balzan u anke ta' xi ħbieb oħrajn tagħna li kkontrib-wew il-flus meħtieġa, nis-tgħu niftaħru li Ħal Balzan għandu waħda mill-isbaħ Swali Parrokkjali ta' Malta. Il-ġid li tħalli s-Sala Par-rokkjali, tant spiritwali u reliġjuż, kif ukoll edukattiv u rikreattiv, biex ma nsem-mix dak materjali li jmur għall-benefiċċju tal-Knisja, ftit huma dawk li jistgħu japprezzawh, imma b'daqs-hekk ma jfissirx li ma jeżis-tix. L-effett kollu ta' dak li tiswa s-Sala Parrokkjali għad irid jinħass matul is-snin.

M. Hemm xi ħwejjeġ fil-parroċċa u fil-Knisja Par-rokkjali li tista' tgħid saru bis-saħħa tal-ħidma tiegħ-ek?

T. Din hija mistoqsija forsi ftit delikata biex inweġibha, għaliex ma rridx min jaħseb li jiena nippretendi l-mertu kollu ta' dak kollu li jsir fil-Parroċċa u fil-Knisja; imma min-naħa l-oħra l-ebda biċċa xogħol ma tista' ssir fil-Parroċċa jekk ma jkoll-hiex il-barka u l-kooperaz-zjoni tal-Kappillan. Għal-hekk f'dak li ser insemmi minn dak li niftakar li sar fil-Parroċċa fiż-żmien li ili Kappillan, nifhem nagħti r-ringrazzjamenti tiegħi lil kull min għen b'mod jew ieħor biex sar dak li sar, waqt li niftakar dejjem fihom fit-talb tiegħi.

Wara din l-ispjegazzjoni qasira, ngħaddi biex insemmi l-pittura li saret fil-parti tal-Kor li kienet għadha mhix lesta, kif ukoll dik tal-kappel-lun tal-Kurċifiss; iż-żebgħa tas-saqaf tal-korsija; żewġ linef tal-kristall għal mal-Kwadru ta' Marija Annunzja-ta; l-istellarju tal-Madonna u ċ-ċirku għal ras l-Arkanġlu San Gabrijel u s-sandli għal saqajh, kollha tad-deheb, għall-istatwa titulari; il-pur-tieri tal-festa għat-tliet bibien tal-Knisja; it-triehi tal-bellus u rakkmu tad-deheb għall-artali kollha, barra dik tal-maġġur li kienet ġa lesta; biċ-tejn ornament tal-fidda għal fuq it-tabernaklu; it-taber-naklu kollu tal-fidda, deheb u ħaġar prezzjuż; l-induratura tal-prospettivi ta' l-artali tal-Kurċifiss u tal-Madonna tal-Karmnu; l-istatwa tal-Ma-donna ta' Fatima; l-istatwi ta' San Mikiel u Santa Rita binniċeċ tagħhom; il-kwadru pit-tura tal-Madonna tad-Duluri; in-niċċa ta' l-istatwa tad-

(jissokta f'paġna 4)

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND CIGARETTES
Telephone: 41644

AD MULTOS ANNOS

(jaqbad minn paġna 3)

Duluri; it-tagħmir kollu, kompriżi żewġ standardi, tal-Fratellanza tad-Duluri; leġiju, sitt gandlieri għat-torċetti, buġija, żewġ gabarrejiet kbar, żewġ kandelabri ta' tlieta, kollha tal-fidda; pjaneta tal-lama u rakkmu tad-deheb għall-festa; sett paramenti vjola kompit, li kien jintuża fil-Ġimgħa l-Kbira; l-antiporta tal-bieb il-Kbir tal-Knisja; sett gandlieri u sett fjuretti tal-kanotilja għall-artal tal-kor; sfera għall-adorazzjoni ta' kull ġimgħa; artal, leġiju, u ambone għall-użu liturġiku ġdid; żewġ settijiet ta' gandlieri tal-bronż għal kuljum; skultura u ndoratura ta' tliet arkitravi tal-koppla; sandli, stellarju u stallett tal-fidda għall-istatwa ta' Marija Addolorata; bankun u bradella għall-istess statwa; ventartal tar-rakkmu tad-deheb għall-artal tad-Duluri; irranġar u arġentatura ta' sett gandlieri ta' l-artal maġġur għall-festi sekondarji; pissidi kbir tal-fidda; il-lastiku għas-saqajn tas-siġġijiet; 'amplifier'; 'fans'.

Barra mill-Knisja, bħala opri ta' fejda għall-Parroċċa, niftakar il-ftuħ taċ-Ċirkolu Piju XII, tal-ġuvintur, separat minn dak ta' l-irġiel, fis-sena 1957, id-dar li ħadt b'ċens għaċ-Ċirkoli ta' l-Azzjoni Kattolika ta' l-irġiel u tan-nisa, li qegħdin jużawha wkoll il-'Legion of Mary' ta' l-irġiel, u t-tiswijiet li għamilt fiha biex ġiet tassew pulita, ma għandniex xi ngħidu bi spiża mhux ħażin. Nerġa' hawnhekk insemmi s-Sala "Aurora" li hija waħda mill-ikbar ħidmiet ta' siwi għall-Parroċċa, u li bl-attivitajiet li jsiru fiha tevita tant ħsara, u tagħmel tant ġid, l-aktar għaż-żgħar u ż-żgħażagħ.

M. Xi proġetti oħrajn għandek f'moħħok li twettaq 'il quddiem, jekk Alla jrid?

T. L-ewwel ħaġa li nixtieq nara lesta hija l-pittura tal-kappellun tar-Rużarju, li għadha mhijiex lesta mhux għaliex ma rsistejtx jien, imma mħabba ħwejjeġ oħra li ma nistax nikkontrollahom jien.

Nixtieq ħafna wkoll li niżbogħ il-Knisja kollha, biċċa xogħol kbira ħafna, imma daqstant ieħor meħtieġa.

Għandi biċċa art li ħadtha b'ċens, biex fuqha nibni post li jkun jista' jservi bħala maħżen għall-armar tat-triqat tal-festa titulari, u hekk inkunu nistgħu nirranġaw żewġ Knejjes żgħar, jiġifieri l-Parrokkjali l-qadima tal-Lunzjata, u dik ta' Santa Marija, li hija tassew sabiħa.

Proġett ieħor, li naħseb li jkun ta' siwi għal dik li hija l-'image' tal-Parroċċa, huwa li nagħmel Mużew ċkejken, jiġifieri proporzjonat għad-daqs tal-Parroċċa, biex fih nesibixxu oġġetti antiki u prezzjużi li jinsabu fil-Parroċċa tagħna. Hemm ħafna affarijiet li ftit huma magħrufin u li, jekk ikunu fejn wieħed jista' jarahom, jagħtu idea kemm missirijietna ta' Ħal Balzan ħasbu għall-Knisja tagħhom u ħabbewha.

Rigward bżonnijiet għall-Knisja, għandi ħafna proġetti li, kieku nista', kont inqegħidhom fil-prattika, imma huma affarijiet li mhux kulħadd jasal biex jifhem il-ħtieġa tagħhom, u għalhekk teħtieġ prudenza kbira u tħejjija ta' l-imħuħ. Insemmi b'eżempju l-bankijiet fil-Knisja, is-sistema tal-konfessjonarji, u oħrajn.

Dan kollu li semmejt hawn fuq jitlob ħafna flus u wkoll ħafna sagrifiċċji u rieda tajba minn dawk li jħobbu l-Knisja, qassisin u sekulari. Barra minn hekk hemm ħwejjeġ oħrajn li huma wkoll meħtieġa imma li jekk insemmihom ikun hemm min jgħidli li qiegħed noħlom. Jiena nifhem, u dan jifhmu kulħadd, li jekk mara tad-dar dejjem tistudja x'jonqos f'darha biex tkun aktar sabiħa u pulita, anzi biex tkun aktar komda, hekk ukoll min għandu l-ħsieb ta' Knisja u jħobbha dejjem ifittex li jagħmilha aħjar u isbaħ, kif jixraq lid-dar ta' Alla.

M. X'messaġġ tixtieq tagħti lill-parruċċani tiegħek f'din l-okkażjoni hekk sabiħa għalik?

T. L-ewwelnett nixtieq nirrikkmanda lil kulħadd jistudja kif jimxi aħjar ma' ħaddieħor, jiġifieri l-imħabba tal-proxxmu, li bħalma nafu hija s-sies tar-reliġjon tagħna. Mhux biss, imma wkoll li naħdmu flimkien, kulħadd skond il-mezzi tiegħu, bħala membri ta' familja waħda. Ninteressaw ruħna aktar f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Ħal Balzan. Jidhirli, bħalma għidt fl-ewwel ħarġa, li din il-gazzetta hija mezz tassew tajjeb biex inkunu nafu aktar fuq Ħal Balzan, u hekk insiru nħobbuh aktar.

Inħobbu dejjem aktar il-Knisja ta' Kristu, f'dak kollu li hija tfisser għalina — il-ġerarkija tagħha, it-tagħlim tagħha — u nħobbu mbagħad b'mod partikolari l-Knisja tal-Parroċċa tagħna, li għandha tkun għalina d-Dar ta' Missierna li hu fis-smewwiet. Naħseb li ma għandna l-ebda ħaġa oħra li tista' tagħmilna tassew familja waħda daqs il-Knisja Parrokkjali, fejn aħna nilqagħu biex inqimu flimkien lill-Mulej u nisimgħu l-kelma tiegħu.

Fl-aħħarnett napprofitta ruħi biex nistieden lill-parruċċani tiegħi kollha biex jingħaqdu miegħi fil-quddiesa ta' ringrazzjament li beħsiebni nqaddes fl-okkażjoni ta' egħluq il-25 sena tas-saċerdozju tiegħi, nhar il-Ħadd, 10 ta' Settembru, fil-5.30 p.m., fil-Knisja Parrokkjali. Lil min ikun irid jifraħ miegħi, inkun nistennieh id-dar tiegħi t-tlitt ijiem ta' wara mill-5.00 p.m. 'il quddiem. Għidt li nixtieq nistieden lill-parruċċani kollha, u biex żgur ma nħalli barra lil ħadd, ma jien ser nibgħat invit lil ħadd, la Għaqdiet, la Każini, u lanqas familji, imma qiegħed nistieden permezz ta' dan l-Avviż, li għandu jasal fil-familji u l-ambjenti kollha tal-Parroċċa. Nitlob lil kulħadd jiftakar fija fit-talb tiegħu, ħalli jkolli ħeġġa u dawl biex inkompli naħdem fil-Parroċċa għall-glorja ta' Alla u ta' Marija Annunzjata, u għall-ġid tal-poplu tagħna.



Il-Gvernatur Generali, Sir Anthony Mamo, u n-Nunzju Apostoliku, Mons. Edoardo Pecoraio, deħlin iżuru l-Knisja Parrokkjali lejlet il-Festa Titulari (10-6-72).

APPREZZAMENT

MRO. CARMELO BRIFFA

Li nfakkru l-ħajja u l-ħidma ta' nies li taw xi kontribut siewi lir-raħal tagħna ta' Ħal Balzan huwa wieħed mill-għanijiet ta' din il-gazzetta. Hija tassew ħaġa xierqa, għalhekk, li nħallu tifkira lil ta' warajna ta' l-ewwel surmast tal-Banda 'San Gabriel', Maestro Carmelo Briffa, li ħalla d-dinja tal-ħajjin nhar il-11 t'April, 1972, fl-għomor ta' 65 sena.

Mro. Briffa twieled Birkirkara fl-1907. Huwa kien il-kbir fost is-sebat aħwa ulied Agostino Briffa u Elena, imwielda Delicata. Sa miċ-ċokon tiegħu Carmelo were ġibda kbira lejn il-mużika.

Meta l-magħruf artista Balzani, is-Sur Gabriel Caruana, li huwa wkoll Segretarju tal-Każin 'San Gabriel,' issuġġerixxa li l-Każin isir Każin tal-Banda, għajnejn il-Kumitat mill-ewwel waqgħu fuq Mro. Briffa, li dak iż-żmien kien assistent surmast tal-Banda 'Duke of Connaught' ta' Birkirkara. B'hekk Mro. Carmelo Briffa ġie magħżul u maħtur l-ewwel surmast tal-Banda 'San Gabriel' ta' Ħal Balzan.

Matul iż-żmien li dam surmast tal-Banda, Briffa ma naqas qatt li jissieħeb mal-Bandisti tiegħu fid-diversi programmi li l-Banda tat kemm fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Marija Annunzjata kif ukoll f'okkażjonijiet oħra barra mir-raħal. Barra dan, Mro. Briffa kellu fi ħsiebu wkoll it-tagħlim ta' l-allievi. Ta' sikwit kont tarah jitlagħlek il-każin u bis-sabar kollu jgħallem lill-allievi u jħarriġhom fl-istrumenti tal-banda. Tul dan iż-żmien ukoll huwa kkompona għadd ta' marċijiet li hu kien jirregala lill-Każin. Għalkemm illum Mro. Briffa m'għadux iżjed magħna, bla ebda dubju t-tifkira tiegħu tibqa' ħajja fostna meta ta' kull sena nisimgħu jindaqqu l-marċi ferrieħa li huwa ħallielna.

Il-funeral li organiżża l-Kumitat tal-Każin bla dubju ta' xejn jibqa' wieħed imfakkar għal ħafna snin. Il-Banda 'San Gabriel' akkumpanjat il-katavru mill-knisja ta' San Pawl tal-Wied, f'Birkirkara, sal-Knisja Kolleġġjata Bażilika fejn saritlu quddiesa 'praesente cadavere.' Numru kbir ta' nies inġabru fit-toroq sabiex jaraw il-funeral, jisimgħu l-marċi funebri, u kif ukoll sabiex jagħtuh l-aħħar tislima. Jalla l-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

Nifirħu u nawguraw kull success lis-Surmast il-ġdid tal-Banda 'San Gabriel' — Maestro Clemente Sciberras.

MAL-MEDDA TAŻ-ŻMIEN

(jaqbad minn paġna 2)

jinxtegħel quddiem ix-xbiha tal-wiċċ ta' Kristu li għadna kif semmejna. Bħal dan iż-żmien tas-sena, kullani tal-ġiżimin u ta' l-istafanotes qatt ma naqsu biex ifewħu dak l-inkwatru qaddis u mirakoluż.

Sinjura li kienet taħdem ħafna għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesu' kienet is-Sinjura ta' Gouder li kienet toqgħod ħdejn it-Tliet Knejjes. Din is-Sinjura kien jirnexxilha tiġbor ħafna flus. Xi familji twajba Balzanin kienu jrabbu flieles u tjur oħra sabiex meta jinbiegħu, flushom imorru għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesu'. Min-barra dan, min kien jaf jirrakkma jew iħaddem iċ-ċombini, kien dlonk jagħmillek xi disinn tar-rakkmu jew jagħmillek xi biċċa bizzilla sabiħa sabiex tinbiegħ għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesu'. Il-Festa li kienet issir hawn Ħal Balzan kienet tassew kif għandha tixraq lill-Qalb Santissima ta' Ġesu'. Dnub li f'dawn l-aħħar ftit snin din il-Festa qisha bħal naqset.

Nhar ta' Ħadd u nhar xi Festa Kmandata, Fulumien u xi nisa twajba oħra kienu jmorru kmieni wara nofs in-nhar is-Sagristija ta' Fuq, in-naħa ta' San Mikiel, u jqattgħu xi sagħtejn isewwu d-damask jew iħitu xi ħaġa oħra siewja għall-Knisja.

Ħaġa li tolqtok fil-ġimgħa tal-Festa hija li tara xi wċuħ ta' xi Balzanin li, għalkemm marru krew band'oħra, xorta waħda jibqa' jiġbidhom raħal twelidhom. Min jiġi għat-Tridu, min biex jisma' l-'Gabriel Angelus' jew l-Antifona ta' l-Ispirtu s-Santu. Oħrajn jiġu jittawlu lil qrabathom u biex jaraw f'hiex wasal l-armar ta' barra. Wieħed minn dawn it-talin li, għadni niftakar qisu l-bieraħ, kien iqattagħlek ġimgħa sħiħa għall-ħabta tal-Festa kien Saver il-Pajs. U min ma jiftakrux lil Saver jew aħjar Sevier?

Laqtitni fil-Festa, din is-sena, Ġuditta fil-post ġdid tagħha ma' ġenb il-Kampnar. Dan iż-żmien ma jippermettix lill-istatwa li titpoġġa f'nofs it-Triq, fil-pjazza. Forsi ftit jafu li ma' ġenb il-Kampnar kien hemm triq tassew dejqa. Hemm kien hemm il-Każin ukoll, u madwar il-Knisja fuq quddiem kien mimli b'siġret-il-ġarab, jew kif nafuhom aħjar bħala siġar ta' l-oleandru. Jekk xi ħadd forsi għandu xi ritratt ta' kif kien maġenb il-Knisja dari għandu għax igħożżu għax tassew kien sabiħ.

Bħal dawn il-Balzanin li tkellimna fuqhom il-lum għexu bil-bosta fir-raħal tagħna. Intom ilkoll tafu b'oħrajn li b'mod jew ieħor iddedikaw ħafna mill-ħajja tagħhom sabiex ma jagħmlux għajb lil raħal twelidhom.

Elite MENSWEAR
of South Street, Valletta
DRESS WEAR HIRE SERVICE FOR FASHIONABLE WEDDINGS AND SPECIAL OCCASIONS
We sell clothes too!
IN FACT WE ARE
THE EXCLUSIVE CENTRE FOR MENSWEAR
JRP

Nixtiequ rroddu ħajr lil dawk kollha li għenuna finanzjarjament fil-ħruġ ta' dil-gazzetta.

Nitolbu wkoll li kulħadd jagħti xi kontribuzzjoni, imqar żgħira bħala għajnuna għall-gazzetta. Grazzi bil-quddiem.

ZOMMU MALTA NADIFA